TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA
EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
SÚDNY DVOR EURÓPSKYCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

CVRIA
LUXEMBOURG

Diviżjoni ta' l-Istampa u ta' l-Informazzjoni

**KOMUNIKAT STAMPA Nru 41/04**

18 ta' Mejju 2004

***

# KOMPOSIZZJONI ĠDIDA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA WARA T-TKABBIR TA' L-UE

Il-Membri l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja ħadu l-ġurament tagħhom f'udjenza solenni li nżammet fil-11 ta' Mejju 2004[1]. Dawn huma l-Imħallfin Jerzy MAKARCZYK, Pranas KŪRIS, Endre JUHÁSZ, George ARESTIS, Anthony BORG BARTHET, Marko ILEŠIČ, Jiři MALENOVSKÝ, Ján KLUČKA, Uno LÕHMUS u Egils LEVITS.

Wara d-dħul fil-kariga ta' dawn il-membri l-ġodda u skond id-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti, in-numru u l-komposizzjoni tas-Sezzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ġew modifikati.

Twaqqfet it-Tielet Sezzjoni, komposta minn 5 Imħallfin. Fit-13 ta' Mejju 2004, l-Imħallfin eleġġew minn fosthom lill-Allan ROSAS bħala l-President tat-Tielet Sezzjoni[2], għall-perijodu li jintemm fis-6 ta' Ottubru 2006.

Jean-Pierre PUISSOCHET kien elett bħala l-President tas-Sitt Sezzjoni (komposta minn 3 Imħallfin)[3], għall-perijodu li jintemm fis-6 ta' Ottubru 2004.

Skond l-emendi magħmula lid-disposizzjonijiet ta' l-Istatut[4] u tar-Regolamenti ta' Proċedura[5], li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, is-Sezzjoni l-Għolja, mmexxija mill-

---

[1] Ara CP 37/04 f' : http://curia.eu.int/fr/actu/communiques/cp040037fr.pdf
[2] Il-Presidenti ta' l-Ewwel Sezzjoni, tat-Tieni Sezzjoni (komposti minn ħames Imħallfin), eletti għal perijodu ta' tlett snin, wara li sar it-tiġdid f'Ottubru 2003 huma rispettivament: Peter JANN u Christiaan Willem Anton TIMMERMANS.
[3] Il-Presidenti tar-Raba' Sezzjoni u tal-Ħames Sezzjoni (komposti minn tlett Imħallfin) attwali, eletti għal perijodu ta' sena, wara li sar it-tiġdid f'Ottubru 2003, huma rispettivament: José Narciso da CUNHA RODRIGUES u Claus Christian GULMANN.

President tal-Qorti tal-Ġustizzja Vassilios SKOURIS, hija issa komposta minn 13–il Imħallef. Il-kworum ta' l-Assemblea Plenarja huwa ffisat għall-15–il Imħallef.

Il-kompożizzjoni tas-Sezzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja hija ppubblikata fuq is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja:
http://www.curia.eu.int/fr/instit/presentation/composition.chambrescour.htm

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tax-xandir, il-Qorti m'għandhiex responsabbilità għall-kontenut*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Christopher Fretwell*
*Tel: (00352) 4303 3355 Fax: 4303 2731*

[4] ĠU L 132 tad-29 ta' April 2004, pġ. 1.
[5] ĠU L 127 tad-29 ta' April 2004, pġ. 107.